

Brussell, 7 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11527/26

AGRI 572
AGRIORG 92
AGRIFIN 137
AGRISTR 37
ENV 919
POLCOM 274

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Strateġija tal-UE għall-Bhejjem u Strateġija dwar il-Proteini - <i>Preżentazzjoni mill-Kummissjoni</i> - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Tema/Kuntest

Il-bhejjem huma komponent essenzjali tal-agrikoltura tal-UE. Is-settur tal-bhejjem jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija tal-UE u għall-ħajja tal-komunitajiet rurali. Is-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem adattati lokalment jikkontribwixxu għall-preservazzjoni tal-ambjent u għal pajsaġġi diversi. Il-prodotti finali mill-produzzjoni tal-bhejjem tal-UE huma tal-ogħla kwalità, huma prodotti b'effiċjenza kbira fir-riżorsi u huma soġġetti għal firxa wiesgħa ta' standards ta' sostenibbiltà ambjentali. Madankollu, is-settur jiffaċċa sfidi f'termini tal-kompetittività u s-sostenibbiltà ekonomika fit-tul tiegħu. Barra minn hekk, is-settur jiffaċċa vulnerabbiltajiet permezz tad-dipendenza tiegħu fuq il-provvisti tal-proteini importati.

Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel (6385/25) tagħha, ippubblikata fid-19 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni ħadet impenn li ssaħħa il-kompetittività u r-reżiljenza ta' setturi sensittivi bħat-trobbija tal-bhejjem, u li tiżviluppa pjan komprensiv biex toħloq sistema ta' proteini tal-UE aktar awtosuffiċjenti u sostenibbli.

B'dan l-iskambju ta' fehmiet, il-Presidenza għandha l-ħsieb li toffri lill-Kummissjoni opportunità biex tippreżenta lill-Kunsill l-Istrateġija tal-UE għall-Bhejjem u l-Istrateġija dwar il-Proteini li ġew ippubblikati reċentement u li tinforma lill-Kunsill bil-ħidma li għaddejjja u l-ħidma futura tagħha dwar dawn is-suġġetti.

Mistoqsijiet ta' Gwida

L-iżgurar tal-vijabbiltà fit-tul tas-settur tal-bhejjem tal-UE jrid jimxi id f'id ma' li s-sistema tal-proteini tal-UE ssir aktar reżiljenti u sostenibbli. F'dan ir-rigward:

- X'inhuma l-ewwel fehmiet tal-Istati Membri dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bhejjem u l-Istrateġija dwar il-Proteini, inkluż fir-rigward tal-livell ta' ambizzjoni u l-komplementarjetà tagħhom?
- Kif għandu jitmexxa 'l quddiem ix-xogħol biex tiġi żgurata l-konsistenza fl-approċċ b'segwitu għall-pubblikazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Bhejjem u l-Istrateġija dwar il-Proteini?